MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' April, 2014

Numru 277/2011

Il-Pulizija

(Spettur Daniel Zammit)

vs

Denis Cremona

-omissis-

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 365475m, akkuzat talli:

1. gewwa tas-Sliema, nhar it-3 ta' Frar 2011, ghal habta tan-nofs siegha ta' wara nofsinhar gewaa Triq Tigne, ikkommetta serq minn fuq il-persuna ta' Victoria Amato Gauci, liema delitt huwa ikkwalifikat bil-valur li jaqbez 232.94 euro izda mhux 2329.37 euro, u bil-vjolenza, fuq il-persuna ta' Victoria Amato Gauci, persuna li ghalqet is-sittin sena;
2. –omissis-

Rat r-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu u l-artikoli tal-ligi hemm citati bghat lill-imputat sabiex jigi ggudikat minn dina l-Qorti;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni biex il-kawza tinstema' u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputat gie originarjament akkuzat b'dan is-serq flimkien ma' terzi izda mal-presentata l-Qorti presedenti kienet laqghet it-talba tal-prosekuzzjoni fir-rigward is-separazzjoni tal-gudizzju relattivament l-imputat odjern.

Intant, mix-xhieda, senjatament tal-anzjana, mara 'il fuq minn sittin sena, jirrisulta, li fil-gurnata tat-3 ta' Frar ta' dina s-sena ghal hin bejn l-12.00pm u s-1.00pm kienet irritornat lura l-appartament taghha. Bil-qeghda fuq l-ghatba tal-entratura kien hemm zewg guvnotti. L-imputat gharfitu li kien wiehed minnhom jew, aktar korrettement li kellha l-impressjoni li kien hu. L-anzjan kellha l-borza taghha f'idejha meta fil-pront qam wiehed mnn dawn iz-zewg guvintur li hatfilha l-borza u telaq jigri l'hemm. Ghal xi raguni dan il-guvni telaq il-borza fl-art. Giet rekuperata mill-anzjana li sabet il-kontenut go fiha intat. Hi xehdet li fiha kellha 20 euro fi flus, cwievet tal-appartament u karti ta' kreditu.

Wara din ix-xhieda tal-anzjana u zieda fuq talba tal-Avukat Generali tar recidiva l-imputat ammetta l-akkuza tas-serq 'b'riserva dwar ir recidiva'. Fuq din l-ebda prova ma ngabet in sosteniment taghha. Izda, dwar l-akkuza tas-serq u indipendentement mill-ammissjoni tieghu, hemm l-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija.

Minn dak li rrizulta mill-atti m'hemm ebda dubbju li l-imputat ghandu jnstab hati izda mhux tar-recidiva li baqghet mhux ipprovata. Oltre, mill-fedina penali tieghu, jidher li l-imputat m'ghandux precedenti ta' serq u l-istess fedina penali mhiex wahda refrattarja salv ghal kaz wiehed li kien jikkoncerna d-droga.

Ghaldaqstant, issibu hati tal-akkuza rigwardanti s-serq, tilliberah ghal dik tar-recidiva, u, wara li rat l-Artikolu 284 u 285 tal-Kap 9 – stante li ebda aggravju ma jirrisulta fil-konfront dan is-serq li proprjament hu klasifikabbli bhala attentat ai termini tal-Artikolu 41 tal-Kap 9 – tadotta fil-konfront tieghu l-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghal zmien sena mill-lum b'dan illi mal-kondizzjonijiet fl-annessa formula ghandu l-imputat jissottometti ruhu ghal ezamijiet tad-demm u/jew urina kif tordnalu l-ufficjal tal-probation

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------